MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 902/2005

**Atlas Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maria Victoria sive Marvic Grixti u l-istess Maria Victoria sive Marvic Grixti**

**vs**

**Joseph Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 t'April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi l-ammont ta' mija tnejn u hamsin Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm152.42), in quanto ghas-somma ta' Lm127.42 dovuti lis-socjeta' Atlas Insurance Limited u in quanto ghas-somma ta' Lm25 dovuti lil Maria Victoria sive Marvic Grixti skond dokumenti ZM1 u ZM2, liema ammont huwa dovut ghal risarciment ta' danni kkagunati mill-konvenut u sborsati mill-atturi bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fil-Gzira fit-8 ta' Novembru

2004 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. AAI 581 habat mal-vettura Nru. GRX 002, proprieta` ta' l-attrici Maria Victoria sive Marvic Grixti u misjuqa minnha skond Dokument ZM5, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-17 ta' Jannar 2005, l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a ternur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mis-17 ta' Jannar 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija tnejn u hamsin Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm152.42), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza u dawk tal-ittri ufficjali tas-17 ta' Jannar 2005 u dik prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------